# Il-Ħuttafa

Numru 138
Jannar - Frar 2017



Ċinju

€2 għal min mhux membru

BirdLife MALTA
Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf
Klabb Ħuttaf






# Ħbieb Ħuttaf

## mill-editur

Kull meta noħroġ fil-kampanja għalija dejjem qisha ħa tibda avventura ġdida. Anke jekk post inkun żortu mitt darba, in-natura tant hi varjata u tant tinbidel, anke minn ġurnata għal oħra, li kull ħarġa tkun differenti.

Il-fjuri li rajt f'Jannar mhux kollha l-istess li ħa tara fi Frar, u l-għasafar li ħa jitfaċċaw f'Marzu mhumiex ħa jkunu kollha bħal dawk li rajt jew smajt fi Frar. In-natura tiddependi ħafna mill-istaġuni, għalhekk il-bidla minn staġun għal ieħor iġġib bidla f'dak li ħa tara jew tisma' madwarek.

Iktar ma noħorġu u ninnutaw x'hemm madwarna, iktar ħa nsiru esperti. Ftit ftit nidraw it-*timetable* tan-natura u nibdew naqtgħu minn qabel liema fjuri ħa naraw, għadux kmieni għall-mazzarelli, sarx tard għall-pitirrossi, hux żmien iż-żrinġijiet, għamlitx biżżejjed xita biex jitfaċċaw il-gambli tal-għadajjar, eċċ.


Victor Falzon

Mill-kotba, mill-*Ħuttafa* u mill-Internet nistgħu nitgħallmu ħafna fatti fuq in-natura. Imma biex in-natura vera nsiru nafuha u nħobbuha rridu noħorġu nfittxuha. Kif jgħidilna tajjeb Martin f'paġna 8, m'intix ħa ssir berdwoċer minn quddiem skrin tal-kompjuter. Trid toħroġ!

Mela x'qed tistennew? In-natura qiegħda hemm barra, mimlija sigrieti u sorpriżi sbieħ. Oħorġu gawduha!

*Victor*

**Victor Falzon** L-Editur

B'din il-ħarġa *Il-Ħuttafa* għalqet 33 sena!

## Fuq Quddiem


Ritratt ta' **Roland Vella**

**Iċ-ċinju** (mute swan *Cygnus olor*) huwa fost l-ikbar u l-itqal għasafar tal-Ewropa. Filwaqt li komuni f'ħafna għadajjar u xmajjar tan-naħa ta' fuq tal-Ewropa, lejn il-Mediterran ma tantx jersaq. Imma kultant fix-xitwa f'pajjiżna jitfaċċa xi wieħed... jew tużżana (ara p.3)! F'Malta ċ-ċinju huwa protett bil-liġi.



BirdLife MALTA

## Kontenut


| | |
|---|---|
| Editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Il-Ħajt tas-Sejjieħ | 4-5 |
| Id-deżertifikazzjoni | 6 |
| Wiċċinu | 7 |
| Irrid insir berdwoċer! | 8-9 |
| Siti Natura 2000 fil-Baħar | 10-11 |
| Il-Mixja ta' Marzu | 12 |


## Kitbu f'dil-ħarġa

Martin Austad, Sean Bonello, Elisabeth Conrad, Desirée Falzon, Victor Falzon

## Klabb

Klabb Ħuttaf huma l-membri żgħar u żgħażagħ (-18yrs) ta' BirdLife Malta. Il-Klabb jorganizza ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, ħarġiet bil-lanċa u attività ambjentali. Kull xahrejn noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* li l-membri jirċievu d-dar bil-posta. It-taqsima tal-membri li għalqu t-13 tissejjaħ **Falko**. Sħubija fil-klabb hija €10 fis-sena.

## Kuntatt

tel **21347645 / 21347646**
imejl **info@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**
Reg.Vol.Org. VO/0052

© BirdLife Malta, Frar 2017
Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop

Isimgħu l-programm
"Naturali"
fuq **Radju Marija**
kull nhar ta' **Ħadd** fis-**1pm**




Desirée Falzon


Aron Tanti

# Meta ġew iċ-Ċinji



Aron Tanti

Iċ-ċinju huwa l-itqal għasfur fl-Ewropa. Kemm taħseb li jiżen?

**A** 4kg **B** 8kg **Ċ** 12kg

Il-grupp ta' ċinji kienu mħalltin fl-età. Huwa faċli tagħraf l-adulti miż-żgħażagħ: iż-żgħar ma jkunux bojod bħall-kbar, u munqarhom ikun skur flok oranġjo.

Kif naħseb jaf kulħadd, fl-1 Jannar 2017 kellna rigal sabiħ tal-istrina meta waslet Malta qatgħa sabiħa ta' 12-il ċinju. Kienu għajjenin sew u niżlu fil-pront kif waslu l-art, fil-wied ta' Marsalforn f'Għawdex. Iċ-ċinju huwa rari f'pajjiżna u għalhekk ħafna nies marru jittawlulhom ħalli jgawdu l-ġmiel ta' din it-tajra kbira.

Iċ-ċinji li żaruna kienu mhux biss għajjenin imma mejtin bil-ġuħ ukoll. Għall-ewwel darba fl-istorja membri tal-BirdLife u xi kaċċaturi ħadmu flimkien biex jitimgħuhom sakemm dawn jerġgħu jieħdu saħħithom. Il-pjan ħadem.

Kmieni filgħodu nhar l-14 Frar iċ-ċinji taru u telqu. Aħna nawgurawlhom vjaġġ mingħajr periklu. Nittamaw li forsi s-sena d-dieħla jerġgħu jittawlulna.

Kif isir kull sena taħt it-tmexxija għaqlija tal-ħabib tagħna Denis Cachia, grupp nies tal-BirdLife iltaqgħu nhar is-Sibt 14 Jannar 2017 biex jgħoddu z-zizka! Fix-xitwa z-zakak abjad (white wagtail) iħobb jinġabar fi gruppi kbar biex jorqdu f'post kenni bis-siġar. Il-biċċa l-kbira taz-zizka bojod li jgħaddu x-xitwa Malta kull filgħaxija jmorru jorqdu l-Belt Valletta! F'lukanda?

Le! Fil-Belt hemm grupp siġar fi Pjazza Assedju u fi Pjazza San Ġwann u z-zizka jsibu dawn is-siġar dormitorji komdi. Dis-sena sħabna għoddew total ta' 9038 zakak dieħel għall-irqad. Kważi rekord! Ir-rekord assolut kien is-sena l-oħra, fejn għoddejna 10,786 għasfur.

Ħafna miz-zizka bojod li jkunu Għawdex ma joqogħdux jaqsmu għal-Malta. Minflok, jinġabru jorqdu fis-siġar fil-pjazza ta' Għajnsielem, oħrajn f'xi siġar fir-Rabat (Victoria).



Aron Tanti

# 9038 għar-raqda!


Tonio Pace

Il-**brimba tat-tubu** tuża xquq żgħar bejn il-ġebel u ħofor fil-ġebel stess. Hemmhekk tinseġ speċi ta' tubu tal-ħarir fejn tistkenn u tistenna xi nemla tinqabad fi ħjut irqaq fil-bokka tat-tubu.

Aron Tanti


Victor Falzon

Iż-**żokret l-għaġuża** spiss tikber fil-ħitan tas-sejjieħ f'irkejjen umdi fejn ma tantx tara xemx. Għandha weraq żgħir, tond u jleqq li jkun fl-aqwa tiegħu fix-xitwa. Twarrad fir-rebbiegħa.


Victor Falzon

Iż-**żunżana tax-xehda** spiss tibni x-xehda għall-kenn ta' ħajt tas-sejjieħ. Minħabba li dawn ikunu fil-kampanja, iż-żunżan faċli jsib injam x'igerrem biex jibni x-xehda, xgħat biex jitma' liż-żgħar u nektar mill-fjuri.

Fin-naħa dellija ta' ħajt tas-sejjieħ issib il-**ħażiż**, pjanti li jiffurmaw tapit aħdar baxx u artab li jiksi l-ġebel qisu pannu.

Il-ħajt tas-sejjieħ huwa ħabitat perfett għas-**serp iswed** għax jgħaddi faċilment bejn il-ġebel u jidħol jistaħba mill-periklu. Jistkenn ukoll mit-temp meta tkun sħana jew kesħa wisq għar-rettili. Iħobb joħroġ jixxemmex fuq xi ġebla sħuna.


Victor Falzon



Victor Falzon

Ambjenti u Residenti

# Ħajt tas-Sejjieħ

Desirée Falzon

Victor Falzon




Għasafar li jieklu l-insetti bħall-**pitirross**, il-**fjamma sewda**, il-**buċaqq tax-xitwa**, l-**għasfur tal-bejt** u l-**kuda** spiss jtperrċu fuq il-ħitan tas-sejjieħ minn fejn ifittxu insetti għaddejjin fuq wiċċ il-ħamrija. L-istess jagħmel il-**merill** biex ifittex il-gremxul.



Suzanne Maas

Minħabba l-forma żgħira, twila u misluta, il-**ballottra** faċli tistaħba ġo ħajt tas-sejjieħ. Hawnhekk taf ukoll issib il-priża tagħha: ġrieden, firien u gremxul.




Desirée Falzon




Desirée Falzon

Diversi **likeni** jikbru fil-ħitan tas-sejjieħ, uħud fix-xemx, oħrajn fid-dell. Il-likeni magħmulin minn fungu li taħtu jkun hemm alga, u ż-żewġ [1]organiżmi jgħixu b'rabta bejniethom. Il-likeni jikbru bil-mod u jafu jgħixu mijiet ta' snin.

Il-ħitan tas-sejjieħ li naraw fil-kampanja jinbnew biex jifirdu għelieqi minn xulxin, imma wkoll biex il-ħamrija ma tinġarrx mix-xita u r-riħ. Ħajt tas-sejjieħ huwa differenti mill-ħitan tad-djar għax ma jkollux tikħil bejn il-ġebliet, għalhekk jeħtieġ is-sengħa biex jinbena sew. Meta tagħmel ix-xita u l-ħamrija tinfaqa' bl-ilma, l-ilma żejjed jiskula minn bejn il-ġebel. Kieku jkun ħajt imkaħħal solidu l-ilma ma jkollux minn fejn jgħaddi u l-pressa tiegħu fl-aħħar twaqqa' l-ħajt. Il-ħitan tas-sejjieħ joffru ħabitat eċċellenti għal ħafna annimali fil-ħofor, fix-xquq u l-irkejjen bejn il-ġebel. Meta nkunu fil-kampanja, importanti ma nħottux ħitan billi nitilgħu fuqhom jew naqilgħu l-ġebel biex infittxu l-bebbux. Fir-ritratt jidher ħajt tas-sejjieħ fl-inħawi taż-**Żebbiegħ**.



Guido Bonett

Għall-**qanfud**, il-ħajt tas-sejjieħ huwa post komdu fejn jgħaddi l-ġurnata rieqed, protett mix-xemx u mill-[2]predaturi. Jitgeddes irrumblat fl-ispazji bejn il-ġebel u joħroġ jiekol filgħaxija.

[1]**organiżmu.** Oġġett ħaj
[2]**predatur.** Annimal li jikkaċċja annimali oħrajn għall-ikel.



Riġment siġar imħawlin f'battalja biex titwaqqaf il-firxa tad-deżert.

Battalja li spiss tintilef.

# id-Deżertifikazzjoni

**Sean Bonello**

## X'inhi ?

Kont taf li deżertifikazzjoni hija waħda mill-problemi ambjentali li d-dinja qiegħda tiffaċċja? Naraw xi tfisser. Id-deżertifikazzjoni hija l-proċess li fih art għammiela tinbidel f'deżert, jiġifieri art niexfa u bla ħajja. Dan jikkawża problemi kbar għall-bijodiversità b'mod dirett fuq il-flora u l-fawna.

## X'jikkawżaha ?

Bħal ħafna mill-problemi ambjentali, l-ikbar kawża tad-deżertifikazzjoni hi attività tal-bniedem. Ħafna drabi din tibda bid-deforestazzjoni jew b'agrikoltura li ma tkunx adattata għal dik l-art. Il-bidla fil-klima qiegħda wkoll tikkontribwixxi għad-deżertifikazzjoni: minħabba l-*global warming*, id-dinja qegħda tkun sħuna iktar minn qatt qabel.






**Minħabba l-*global warming* id-Deżert Saħara qed jikber. Waqt il-passa, miljuni ta' għasafar kull sena jagħmlu sforz straordinarju biex jaqsmu dan id-deżert enormi. Imma s-Saħara tant infirex li iktar ma jmur iktar għasafar qed imutu bil-ġuħ, bl-għatx u bl-għeja qabel ma jilħqu jaqsmuh.**

## Xi problemi qed toħloq ?

L-ewwel effett tad-deżertifikazzjoni hi telf kbir ta' veġetazzjoni, fejn siġar, arbuxxelli, ħaxix, eċċ. jinxfu, imutu jew ineħħihom il-bniedem. Dan jaffettwa ħażin lill-ħamrija fertili għaliex il-veġetazzjoni hi essenzjali biex il-ħamrija tkun bijoloġikament komposta kif suppost, bin-nutrijenti u minerali meħtieġa għall-ħajja.

Barra minn hekk, meta l-ħamrija tinkixfilha l-veġetazzjoni, din ma tibqax protetta mir-riħ, mix-xita, mill-għarar, mir-raxx tal-baħar u mill-qilla tax-xemx. Dan iwassal biex il-ħamrija jew tinxef u ttir mar-riħ jew tinġarr bl-għarar u tintilef.

Jibqa' biss ħamrija ġeblija u fqira jew blat mikxuf li ma jikber xejn fuqu. Ħabitat li qabel kien mimli ħdura u ħajja spiċċa battal għal kollox mill-flora u mill-fawna li tiddependi minnha.

### Deżert f'Malta



**Anke fiċ-ċokon ta' pajjiżna saret u għadha ssir id-deżertifikazzjoni. Qatt rajtu trakter għaddej f'għalqa bi sħaba ħamrija tielgħa mill-art u ttir mar-riħ? Dak huwa każ perfett ta' kif minkejja l-għerf u t-teknoloġija kollha li għandna, xorta għad hawn min jibqa' jfaqqar l-art b'mod regolari.**

## X'qed isir ?

Biex tiġi indirizzata l-problema tar-riħ mal-ħamrija niexfa, f'postijiet esposti qed jimplimentaw diversi teknoloġiji, fost dawn twaħħil ta' pannelli biex jipproteġu l-veġetazzjoni mir-riħ u l-għarar. Qed jiddaħħlu wkoll sistemi ta' maniġġjar tal-art u tal-ilma biex jipproteġu l-ħamrija fertili.

Però huwa dejjem ħafna aħjar li tipprova ma toħloqx il-problema, milli toħloq il-problema imbagħad tipprova ssolviha. Għalhekk importanti ferm li nqajmu kuxjenza dwar it-theddida tad-deżertifikazzjoni ħalli nnaqqsu l-possibiltà li sseħħ. Ftakru li l-attività tal-bniedem hija wara kollox l-ikbar kawża tad-deżertifikazzjoni.



**Tweġiba** Kemm jiżen ċinju? Twegiba Ċ (12kg)!




# Wiċċinu

Aħbarijiet sbieħ u koroh mid-dinja tal-ambjent

## Jieqaf il-massakru tal-foki



Għal mijiet ta' snin fin-Norveġja kien hemm industrija kbira ta' qtil tal-foki. Gruppi ta' rġiel armati bil-*hakapiks* (qisha lembuba kbira) joħorġu fuq is-silġ u joqtlu eluf ta' foki, fosthom frieħ li jinqatlu quddiem ommhom. Insomma, massakru sħiħ. Din ix-xalata ta' qtil baqgħet issir sal-ġurnata tal-lum, imma xi ġimgħat ilu waqfu! Għal kollox! Waqfu għax ħadd ma għadu jrid jixtru laħam tal-foka jew ħwejjeġ magħmulin mill-ġilda tal-foka. In-nies jippreferu jaraw u jiggustaw il-foki ħajjin fin-natura. Ifraħ, Wiċċinu!

## Ġirja lejn l-estinzjoni



Alison Buttigieġ

Iċ-ċita, famuża bħala l-iktar annimal tal-art li jiġri, għandha inkwiet serju. Studji li saru dan l-aħħar juru li fid-dinja baqa' biss xi 7100 ċita, figura ħafna iżgħar milli kien maħsub. Ir-raġuni hi li ħafna iktar qed jinqatlu jew jinqabdu minn bdiewa, rgħajja u traffikanti tal-annimali. Jekk ma ssirx xi ħaġa malajr, dan l-annimal meraviljuż ma jdumx ma jogħsfor mid-dinja. Tal-biki hux, Wiċċinu!

## Mexxej perikoluż



Donald Trump, il-president il-ġdid tal-Amerka, ma jemminx li l-klima qed tinbidel bit-tniġġis tal-bniedem. Għalih dawn kollha "fake news" u għalhekk beda jnaqqar il-liġijiet li jikkontrollaw it-tniġġis fl-Amerka. Qed iħajjar ukoll iktar tħaffir għaż-żejt u għall-faħam. Irid ukoll iħassar ftehim importanti li sar fl-2015 biex il-pajjiżi kollha tad-dinja jnaqqsu t-tniġġis. Nisperaw li ma tgħaddix tiegħu. Ibki, Wiċċinu!

## Aktar art imħarsa



Ftit qabel spiċċa minn president tal-Istati Uniti, Barack Obama ddikjara żewġ riservi naturali kbar oħra: il-Bears Ears (5471km$^2$) u l-Gold Butte (2023km$^2$), li flimkien fihom daqs Malta 23 darba. L-ambjent naturali jinkludi foresti, steppa, xagħri, makkja, widien, xmajjar, muntanji u deżert, kif ukoll forom spettakolari fil-blat u veduti tal-ġenn. Huwa post ukoll sagru għall-Indjani. Idħaq, Wiċċinu!

## Tama għall-iljunfanti



Alison Buttigieġ

Eluf ta' iljunfanti jinqaltu kull sena biex joħdulhom dawk iż-żewġ nejbiet twal. Din il-kaċċa illegali ssir għax dawk in-nejbiet huma tal-avorju u jiswew ħafna flus. L-avorju jintuża l-iktar biex isiru statwi, u l-ikbar klijent tal-avorju hija ċ-Ċina, fejn jinbiegħ xi 70% tal-avorju kollu. Issa l-gvern Ċiniż ħabbar li sa l-aħħar ta' dis-sena n-negozju fl-avorju ħa jsir illegali f'dal-pajjiż enormi. Tbissem, Wiċċinu!

## Salvajna żewġ liġijiet importanti



Is-sena l-oħra konna fil-periklu li nitilfu żewġ liġijiet importanti ħafna għall-ħarsien tal-għasafar u l-ambjent naturali tal-Ewropa. Xi għorrief fil-Kummissjoni Ewropea dehrilhom li l-*Birds Directive* u l-*Habitats Directive* issa qdiemu u għandhom jitneħħew. Imma nofs miljun ruħ ipprotestaw kontra din l-idea. L-irjus baxxew rashom u aċċettaw li ż-żewġ liġijiet għadhom tajbin u meħtieġa. Ħu gost, Wiċċinu!



• Avviż • Attività • Avviż • Attività • Avviż • Attività • Avviż •

**Salina Open Day**

**Data** il-Ħadd 12 Marzu 2017
**Ħin** 10.30am sa 5pm
**Post** ir-Riserva Naturali tas-Salina

• berdwoċing • ikel • divertiment • logħob • passiġġati ggwidati • kafeterija • arti fil-beraħ • kwiżż • kompetizzjoni • tagħrif • stalls • stands • għaqdiet ambjentali • ferrovija • bouncing castle • produzzjoni tal-melħ



**Martin Austad** jagħtina pariri biex jgħinna nsiru berdwoċers.



Desirée Falzon

Issa li forsi xtrajt tromba ma tridx tħalliha fuq l-ixkaffa tiġbor it-trab. Il-berdwoċing ma tagħmlux fil-kamra quddiem il-kompjuter, imma barra!

**Wied il-Qlejgħa** post tajjeb għall-berdwoċing.

# Fejn taqbad tmur?




## Anke d-dar stess...

Tista' tibda mill-ġnien jew minn fuq il-bejt. Diversi speċi ta' għasafar jħobbu l-ambjent urban u apparti l-għasfur tal-bejt li ismu miegħu, fil-mibni tista' tilmaħ għasafar bħaz-zakak abjad, l-isturnell u l-bufula sewda. Fil-bidu kollox ikun affaxxinanti u ġdid imma malajr il-kurżità tegħlbek u tkun trid tmur tesplora postijiet oħra.

## Ambjenti speċjali

Għalkemm l-għasafar issibhom kważi kullimkien hemm ambjenti speċjali li jiġbdu lejhom diversità ikbar minn ambjenti oħrajn. U għalhekk jiġbdu lejhom ukoll lilna l-berdwoċers!



Dennis Falzon

Ir-riservi naturali tajbin ukoll għax issib kmamar apposta għall-berdwoċing, apparat u esperti lesti jgħinuk.

## Riservi naturali

Żewġ postijiet tajbin ħafna għall-għasafar f'Malta u postijiet tajbin biex tibda l-berdwoċing, huma r-riservi naturali tal-**Għadira** u s-**Simar**. Dawn huma *wetlands*, ambjent bl-għadajjar u rari fil-gżejjer tagħna. Hawnhekk tista' tara għasafar li postijiet oħra diffiċli ssibhom. Pereżempju, huma l-uniċi postijiet f'Malta fejn bejtu t-tiġieġa tal-baħar, il-blonġun żgħir, il-fras-servjent u l-monakella. Mhux biss, fir-riservi ssib ukoll nies mill-BirdLife lesti jdawruk u jispjegawlek fuq l-għasafar li qed tara. Hemm ukoll kmamar apposta (ngħidulhom ħajds) minn fejn tista' tara l-għasafar fil-qrib bla ma tgerrixhom. Bħalissa żmien tajjeb għal dawra fir-riservi mal-familja, għax dawn huma miftuħin għall-publiku fi tmiem il-ġimgħa (10am sa 4pm). Post ieħor tajjeb għall-għasafar tal-għadajjar u x-xtut huwa s-**Salina**.

## Imsaġar

Ħafna għasafar iħobbu s-siġar u għalhekk issibhom f'postijiet fejn hemm imsaġar. F'Malta neqsin ħafna minn dan l-ambjent imma postijiet bħall-**Buskett** huwa tajjeb mhux biss għal għasafar żgħar bħall-buful u vjolini imma anke għal tajr tal-priża bħall-kuċċarda u s-seqer tal-ħannieqa. Ġonna



Victor Falzon

Ftit mill-postijiet tajbin għall-berdwoċing.




kbar bħal **San Anton** u anke ċ-Ċimiterju tal-**Addolorata** huma wkoll tajbin għal għasafar żgħar bħal żanżarelli u bekkafiki. Il-bosk li qed jikber f'**Foresta 2000** huwa wkoll tajjeb għal għasafar bħal pitirrossi u mlievez.

## Beraħ

Imma mhux l-għasafar kollha ssibhom fl-ambjenti bl-ilma jew bis-siġar folti. Speċi oħrajn adattaw għall-ambjent oppost, ambjent li jkun niexef għal ħafna mis-sena u b'veġetazzjoni baxxa jew sparsa: l-isteppa u x-xagħri. Waqt xi mixja f'dan l-ambjent, pereżempju fi **Xrobb l-Għaġin**, il-park tal-**Majjistral** u fuq **Kemmuna** għandek ċans tara għasafar bħall-fjamma sewda u l-buċaqq tax-xitwa, u dalwaqt jibdew jaslu għasafar tal-passa bħall-kuda u d-daqquqa tat-toppu. Bħal dan iż-żmien il-bufula ħamra, li tbejjet fix-xagħri, tkun bdiet tgħanni, kif qed jagħmel ukoll il-merill. Dan tal-aħħar, però, iżjed issibu f'xi rdum jew sies.

## Rdum u sisien

Imma mhux l-għasfur nazzjonali biss ibejjet fl-irdumijiet f'Malta. Dan jagħmluh ukoll il-garni u ċ-ċief, tajr tal-baħar li iżjed iqattgħu żmien fuq il-baħar milli fuq l-art. Għalhekk l-eħfef biex tarahom huwa meta jinġabru fi qtajja' fuq il-baħar ftit bogħod mill-kolonji, bħal **Ta' Ċenċ**, xi filgħaxija sajfija.

## Mhux billi pajjiż żgħir!

Il-lista ta' postijiet fejn tista' tmur berdwoċing hija twila ħafna, anke f'pajjiż żgħir bħal Malta. Veru li ġieli toħroġ u ma tarax wisq, imma trid tkun paċenzjuż u tiftakar li ħafna speċi huma tal-passa, u l-għasafar jiġu u jmorru skont it-temp u l-istaġun. Ġranet tajbin ipattu bil-bosta għal ġranet iżjed kwieti.

Hawnhekk semmejt biss ftit mill-postijiet li tista' żżur. Forsi hemm xi wied, ġnien jew biċċa kosta mhux bogħod mid-dar tiegħek li tista' żżur spiss u ssir tafha sew. Ftit ftit tibda tinnota waħdek x'għasafar jidhru u f'liema żmien tas-sena jitfaċċaw. Biex tagħmel dan huwa tajjeb li tibda żżomm nota ta' x'tara, u fejn u meta, inkella tinsa. Imma fuq dan nitkellmu fil-ħarġa li jmiss.

Għalissa ftakar li l-importanti hu li toħroġ tgawdi l-għasafar barra u tieħu gost bil-ftit jew bil-ħafna li jirnexxielek tara. Nawguralek!

Ktieb li jdur dawra tajba ma' diversi nħawi f'Malta tajbin għall-berdwoċing huwa **Where to Watch Birds and Other Wildlife in Malta** ta' Alex Casha u maħruġ minn BirdLife Malta. Għall-bejgħ mingħand il-BirdLife u xi ħwienet tal-kotba. Prezz €5.




Victor Falzon



Elisabeth Conrad

# Siti fil-Baħar

Tul dawn l-aħħar snin, dorna dawra mad-diversi siti Natura 2000 li għandna fil-Gżejjer Maltin, u ftit ftit wasalna għall-aħħar ta' din is-serje. Jonqos biss li nitkellmu fuq xi siti li jinsabu fl-ibħra ta' madwar il-Gżejjer Maltin.

## Tlieta minn ħamsa

Fil-Gżejjer Maltin għandna ħames siti Natura 2000 fil-baħar (ara l-mappa f'paġna 11). F'ħarġiet passati tkellimna diġà fuq tnejn minnhom: dawn kienu l-**Baħar madwar Għajn Tuffieħa** (f'*Il-Ħuttafa* 116) u l-**Baħar madwar id-Dwejra** (f'*Il-Ħuttafa* 135). Jonqosna għalhekk niffukaw fuq it-tliet siti li għadna ma tkellimniex fuqhom. Dawn huma:

il-**Baħar fl-inħawi ta' Mġarr ix-Xini**

il-**Baħar ta' bejn Filfla u Malta**

il-**Baħar max-xatt tal-Grigal, bejn id-Dragunara u l-Ponta tar-Reqqa**

Biss, flok naraw fid-dettal x'insibu f'kull sit, se nitkellmu b'mod iktar ġenerali fuq in-natura importanti li nsibu f'dawn l-ibħra.






Victor Falzon

Il-**gibbula ta' Malta** *Gibbula nivosa* hija bebbuxu endemiku għall-ibħra Maltin. Jekk tintilef minn pajjiżna tkun intilfet mid-dinja.

## Jagħmlu l-baħar sinjur

F'ħarġiet oħra diġà semmejna l-**posidonja** (jew **alka**), u din hija importanti wkoll f'dawn is-siti. Il-posidonja hija importanti l-iktar għaliex tipprovdi ambjent għal ħafna speċi ta' ħut u fawna oħra. Li kieku m'għandniex il-meded ta' posidonja madwar il-Gżejjer Maltin, il-baħar ta' madwarna kien ikun żgur iktar fqir. Il-posidonja hija [1]endemika għall-Baħar Mediterran.

Għalkemm inqas folta mill-posidonja, l-**alka rqiqa** *Cymodocea nodosa* xorta toffri kenn għal diversi annimali. Din is-**siċċa** ftit beżgħana mill-fotografu qed tirriversja għal ġo roqgħa alka rqiqa!



Victor Falzon

Il-kundizzjoni tal-ambjent tal-posidonja li nsibu jvarja minn post għal post. Sfortunatament f'diversi nħawi saritilha ħafna ħsara, pereżempju mill-ankri tad-dgħajjes li jkaxkru mal-qiegħ u jqaċċtu meded sħaħ ta' posidonja. Dawn is-siti Natura 2000 jinkludu fost l-aħjar irqajja' ta' posidonja li għandna. L-istess isir b'tipi ta' sajd li fih jitkarkru xbiek mal-qiegħ. Il-posidonja ssirilha wkoll ħsara mit-tniġġis tal-baħar, fosthom minn materjal li jdardar il-baħar u jdallam l-ilma. Meta jiġri hekk id-dawl ta-xemx, li huwa kruċjali għas-saħħa tal-alka, ma jgħaddix.



Id-daħla ta' **Mġarr ix-Xini** hija wied li tħaffer minn xmajjar antiki li ilhom eluf ta' snin li nixfu. L-art imbagħad tbaxxiet (jew għola l-baħar) u l-wied għereq u ġie kif inhu llum. Fil-ġeografija dan it-tip ta' wied mgħarraq jgħidulu **ria**.




## Siti Natura 2000 fil-Baħar

1. L-inħawi tad-Dwejra
2. L-inħawi ta' Mġarr ix-Xini
3. Il-Baħar fil-Grigal ta' Malta
4. L-inħawi ta' Għajn Tuffieħa
5. Il-Baħar bejn Filfla u Malta

Victor Falzon




Hemm ukoll speċi oħrajn li jagħtu servizz simili fl-²ekosistema. L-**alka rqiqa**, pereżempju, tikber fuq ċerti tipi ta' qiegħ fl-ibħra Maltin. Din ukoll tifforma meded u tapiti sħaħ li fihom jgħixu ħafna speċi oħra.

## Speċi uniċi

F'dawn is-siti ma tonqosx ukoll il-fawna interessanti. Pereżempju, ħafna minnkom żgur rajtu jew smajtu bin-**nakkra tal-ħarir**, mollusk endemiku għall-Mediterran. Din kapaċi tikber iktar minn 80ċm – kważi metru! – u hija fost l-ikbar ³bivalvi tad-dinja. Speċi oħra, ħafna iżgħar min-nakkra imma mhux inqas ta' interess, hija l-**gibbula ta' Malta**. Din hija bebbuxu tal-baħar endemiku għal Malta. Dan il-bebbuxu huwa meqjus mhedded: minħabba li huwa endemiku, dan ifisser li jekk jinqered minn Malta jkun inqered mid-dinja.

Barra minn hekk, insibu diversi speċi ta' ħut, rizzi, krustaċi u oħrajn. Huwa għalhekk li dawn is-siti huma tant importanti. Il-bijodiversità fl-ibħra forsi hija inqas ovvja minn dik fuq l-art. Peress li aħna l-bnedmin ma ngħixux taħt wiċċ il-baħar, ma narawhiex daqshekk. Imma dan żgur ma jfissirx li l-ħajja tal-baħar m'għandhiex bżonn ukoll ta' ħarsien.



Skorfna tal-Madejra

Desirée Falzon



Desirée Falzon

In-**nakkra tal-ħarir** *Pinna nobilis* spiss issibha nofsha midfuna fir-ramel. Hemmhekk toqgħod b' "ħalqha" miftuħ biex tiffiltra mill-ilma xi frak irqiq ta' ikel li jgħaddi mal-kurrent.

¹**endemika.** Annimal jew pjanta li jinstabu biss f'reġjun jew pajjiż wieħed u mkien iktar fid-dinja.
²**ekosistema.** Il-flora u l-fawna li jgħixu f'ambjent partikolari u li b'xi mod jew ieħor jiddependu minn xulxin u mill-ambjent li jkunu fih.
³**bivalv.** Mollusk b'żewġ qoxriet x'aktarx pariġġ li jkunu f'għamla ta' għotjien li bejniethom tistkenn il-parti ratba tal-annimal, pereżempju l-arzell.

## Ħarsa lura, ħarsa 'l quddiem



Ħbieb, nagħlaq din is-serje b'ħarsa lura u ħarsa 'l quddiem. Jekk inħarsu lura lejn is-siti kollha li tkellimna fuqhom, żgur taqblu miegħi li għalkemm Malta hija tant żgħira, xorta għandha rikkezza kbira ta' natura. Irridu biss inkunu konxji tagħha!

Biss irridu wkoll inħarsu 'l quddiem. Biex niżguraw li dan il-wirt naturali ma nitilfuhx, irridu naċċertaw li dawn is-siti jkunu u jibqgħu protetti mhux biss bil-kliem imma wkoll bil-fatti. Għalhekk importanti li nrawmu apprezzament tan-natura li għandna f'pajjiżna, mhux fina biss imma anke f'dawk ta' madwarna.

Liz

Victor Falzon




# Il-Mixja ta' Marzu

Marzu x-xahar tar-rebbiegħa, u kif nagħmlu kull sena ħa mmorru mixja sabiħa u twila fil-kampanja. Kif taraw mill-mappa ħa nieħdu r-rotta favorita ma' ħafna membri, jiġifieri mir-Rabat sax-Xemxija. Mixja ta' ftit iktar minn 10km. Tidher twila, imma kważi kollha għall-wita jew għan-niżla. U nagħmlu xi żewġ waqfiet ukoll.

Din il-mixja speċjali wkoll għax għaliha nħajru lill-membri jiġbru xi ħaġa tal-flus. B'dawn il-flus il-BirdLife tixtri xi ħaġa ta' bżonn għal xi proġett. Dis-sena nixtiequ nixtru **teleskopju** għar-riserva tas-Simar. Dan ikun tajjeb biex jużawh l-istudenti u l-familji li jżuru s-Simar.

Biex tiġbor xi flus tista' tuża l-karta li waslitlek ma' dil-ħarġa tal-magażin. Dakinhar tal-mixja ġib il-karta miegħek flimkien ma' xi flus li tkun ġbart.

**Grazzi u nisperaw li narawk. U ġib lill-familja miegħek ukoll!**

Ħa jkun hemm trasport lura (€1) mix-Xemxija għar-Rabat

DATA **Il-Ħadd 26 Marzu 2017**
ĦIN: **8.30am** (il-mixja tibda fid-**9.00am** u nispiċċaw xi 12.30pm)
NILTAQGĦU
Quddiem il-**Mużew tal-Ferrovija**, ħdejn l-Imdina (ara mappa). Jekk ma tafx fejn, mur ħdejn il-Villa Rumana u jidderiġuk minn hemm
MERĦBA
**Membri*, familja, ħbieb u skejjel****

*Tfal taħt it-8 snin irid jiġi magħhom xi ħadd kbir (18+). **Skejjel għandhom jibbukkjaw billi jċemplu **21347645/6** jew jibagħtu imejl lil **education @birdlifemalta.org**







Smajt se jkun hemm xi rigali.

**Iva. Din il-kamera, pereżempju!**

Aktar dettalji fil-karta tal-isponsors.

Waww!




**Kamera Canon Powershot għal min jagħmel l-akbar ġabra**

**Tiswa €180**

Fejn niltaqgħu?




Dakinhar inqassmu l-istiker ta' Klabb Ħuttaf Numru 7.

I ♥ Klabb Ħuttaf